**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/031 |
| **Allegazzjoni:** | Infieq eċċessiv fuq btala fl-Italja da parti ta' Dr Joseph Muscat meta kien deputat parlamentari, jew inkella aċċettazzjoni ta' ospitalità mingħand imprenditur li għandu relazzjonijiet mal-awtoritajiet Maltin |
| **Ilmentatur:** | Prof Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 23 ta' Awwissu 2020 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 12 ta' Ottubru 2021 |

## L-Ilment

1. Permezz ta' email tat-23 ta' Awwissu 2020, annessa u mmarkata Dokument A, il-Professur Arnold Cassola ("l-Ilmentatur") talabni ninvestiga btala meħuda minn Dr Joseph Muscat u l-familja tiegħu flimkien ma' persuni oħra fil-Castello Baronale di Collalto Sabino fl-Italja fis-sajf ta' dik is-sena.

2. L-Ilmentatur jgħid li skont rapport fil-midja Taljana, dan il-kastell huwa proprjetà tad-ditta Global Capital, li s-sid tagħha huwa Pietro Catalfamo.[1] L-Ilmentatur jirreferi għal rapport fit-*Times of Malta* tal-10 ta' Lulju 2018 li jgħid li kumpanija oħra tal-Prof Catalfamo bl-isem ta' Palladium ħabbret "*initial convertible coin offering*" fil-Borża ta' Malta fil-preżenza ta' Dr Muscat, li dak iż-żmien kien Prim Ministru.[2] L-ilmentatur jirreferi wkoll għal xi ritratti li dehru

[1] Ara https://espresso.repubblica.it/inchieste/2018/04/19/news/leghisti-offshore-e-i-soldi-per-la-beneficenza-volano-a-malta-1.320733.

[2] Ara https://timesofmalta.com/articles/view/worlds-first-regulated-icco-launched-in-malta.684057.

fuq Twitter u li fihom jidhru membri tal-familja ta' Dr Muscat flimkien ma' persuni oħra waqt il-btala fil-kastell ta' Collalto Sabino.

3. L-Ilmentatur qajjem dawn l-oġġezzjonijiet dwar il-btala in kwistjoni:

(i) "*... mhuwiex etiku li membru parlamentari Malti (u l-familja tiegħu) imur jonfoq mill-anqas 10,000 euro (qed nibbaża fuq minimu ta' 3 ijiem; jistgħu jkunu aktar) fil-ħotel barranija ta' kumpanija kkwotata fil-Borża Maltija*."

(ii) "*Ikun naturalment ħafna agħar jekk il-permanenza f'dan il-kastell kienet rigal lill-On. Muscat*."

(iii) "*... jidħol id-dubju serju ta' kif politiku li għandu paga ddikjarata ta' 25,000 ewro fis-sena u kapital totali ddikjarat fil-banek ta' 68,000 ewro jista' jaffordja dan it-tip ta' ħlasijiet għal vaganza*."

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

4. L-Ilmentatur ma jirreferi għal ebda dispożizzjonijiet ta' xi liġi jew ta' regoli dwar l-etika bħala l-bażi għall-ilment tiegħu.

5. Dr Joseph Muscat irriżenja minn Prim Ministru f'Jannar tal-2020 u minn deputat parlamentari f'Ottubru tal-istess sena, jiġifieri kien għadu deputat meta mar fuq il-btala li dwarha sar l-ilment u meta sar l-ilment innifsu. Għaldaqstant jiena għandi nqis dan il-każ fil-kuntest tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta). Il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att, mhuwiex applikabbli.

6. Fir-rigward tal-**ewwel oġġezzjoni** tal-Ilmentatur, il-fatt li deputat jonfoq il-flus (hu x'inhu l-ammont) f'lukanda barranija, anki jekk din hija propjetà ta' kumpanija ikkwotata fil-Borża ta' Malta, fih innifsu ma jirrappreżentax ksur ta' etika.

7. It-**tieni oġġezzjoni** tal-Ilmentatur hija relatata mal-paragrafi (b) u (d) tal-artikolu 5(2) tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati ("il-Kodiċi"). Skont dawn id-dispożizzjonijiet, deputat parlamentari –

*(b)* *ma għandux jaċċetta rigali mingħand persuni, gruppi jew kumpaniji li kellhom xi interess dirett jew indirett f'leġiżlazzjoni li tkun quddiem il-Kamra tad-Deputati;*

*(d)* *li jkun għamel żjara barra minn Malta, li tkun ġiet imħallsa kollha kemm hi jew f'parti minnha minn xi persuna, grupp jew kumpanija li jkollha interess dirett f'leġiżlazzjoni li tkun quddiem il-Kamra, għandu jiddikjara dak il-fatt f'reġistru miżmum mill-Ispeaker għal dak l-għan u li jkun miftuħ għall-ispezzjoni tal-pubbliku.*

8. It-**tielet oġġezzjoni** tal-Ilmentatur hija marbuta mas-suppożizzjoni da parti tiegħu li Dr Muscat ħallas personalment għall-btala, u għaldaqstant tista' b'xi mod tiġi kkunsidrata fil-kuntest ta' verifika ta' dikjarazzjoni tal-assi jekk jirriżulta li dan huwa l-każ.

9. Fid-dawl ta' dan ikkonkludejt li kelli ninvestiga t-tieni u t-tielet oġġezzjonijiet tal-Ilmentatur.

10. Billi Dr Muscat ma baqax deputat parlamentari, ikkunsidrajt il-kwistjoni dwar jekk jiena nistax ninvestiga allegat ksur ta' etika da parti ta' persuna li kienet taqa' taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika fiż-żmien meta seħħ l-allegat ksur, iżda li sussegwentement ma baqgħetx taqa' taħt l-istess Att. Jiena diġà indirizzajt din il-kwistjoni f'każ dwar individwu li kellu ħatra bħala persuna ta' fiduċja li kienet laħqet intemmet sakemm ikkonkludejt l-investigazzjoni tiegħi. Fir-rapport tiegħi dwar dan il-każ jiena għedt hekk:

> *The Standards in Public Life Act is silent as to whether I can investigate alleged misconduct by a person who was subject to the Act by virtue of the office he held when he allegedly committed the misconduct, but who subsequently ceased to hold that office. I sought legal advice on this point from Dr Henri Mizzi of Camilleri Preziosi Advocates, whose opinion is that "even where a person has resigned or otherwise been removed from his position as a person of trust, he may still be investigated by the Commissioner for any allegation concerning statutory or ethical breaches that he may have committed during the tenure of his post as a person of trust." Dr Mizzi states that to read the law in a contrary sense "would make a mockery of it". He adds that article 14 of the Act, which sets out time limits within which I can start an investigation, contains nothing to*

*indicate that I cannot investigate an act committed by a person of trust who has since left office.*[3]

11. Fil-11 ta' Jannar 2021 l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, l-Onor Dr Anġlu Farrugia, esprima opinjoni fil-forma ta' "ruling" li ngħata fil-Kamra tad-Deputati dwar każ ieħor li kien jinvolvi lil Dr Joseph Muscat.[4] F'dan ir-ruling l-Ispeaker wasal għall-konklużjoni li l-Kumitat Permanenti tal-Kamra tad-Deputati dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika m'għandu ebda setgħa li jimponi sanzjonijiet fuq persuna li m'għadhiex deputat parlamentari.[5] Biss, din l-opinjoni taffettwa biss il-Kumitat Permanenti dwar l-Istandards fir-rigward ta' sanzjonijiet li huma jistgħu jimponu, u ma tapplikax għal investigazzjonijiet magħmula minni.

12. Għaldaqstant jiena kkonkludejt li kelli nkompli ninvestiga l-każ preżenti.

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

13. Hekk kif irċevejt l-ilment, jiena bdejt ninvestigah billi evalwajt il-materjal li rreferieni għalih l-Ilmentatur u għamilt aktar riċerka dwar il-każ.

14. Fil-25 ta' Jannar 2021, jiena ktibt lil Dr Joseph Muscat (ittra annessa u mmarkata Dokument B). F'din l-ittra jiena rriproduċejt l-ilment u informajt lil Dr Muscat li kont qed nikkunsidra l-ilment fil-kuntest tal-paragrafi (b) u (d) tal-artikolu 5(2) tal-Kodiċi. Tlabtu jagħti r-reazzjonijiet tiegħu b'mod ġenerali dwar l-ilment, u b'mod partikolari jwieġeb għal dawn il-punti:

*1. Nitolbok tgħid kemm swiet il-btala tiegħek u tal-familja tiegħek fil-Castello di Collalto Sabino fis-sajf li għadda, inkluż vjaġġi bl-ajru (jew mezzi oħra) u akkommodazzjoni.*

*2. Nitolbok tispeċifika min ħallas l-ispejjeż in kwistjoni.*

---

3 Rapport dwar il-każ K/024 (1 ta' Settembru 2020), paragrafu 20. Aċċessibbli minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K024.pdf.

4 Ara r-rapport dwar il-każ K/022 (5 ta' Ottubru 2020), aċċessibbli minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K022.pdf.

5 Ruling nru 56, aċċessibbli minn https://www.parlament.mt/media/110039/s-413-11012021-applikabilita-ta-sanzjonijiet-lil-eks-mps-standards.pdf.

*3. Jekk huwa l-każ illi dina l-btala ġiet imħallsa minn terzi, nitolbok tindika jekk saritx xi dikjarazzjoni għall-finijiet tal-artikolu 5(2)(d) tal-Kodiċi tal-Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.*

15. Dr Muscat kitibli lura fl-4 ta' Frar 2021 (Dokument Ċ). Huwa qalli li ma jsib "*l-anqas l-iċken oġġezzjoni*" biex iwieġeb kwalsijasi domanda b'rabta mal-ilment, "*li fih numru mhux żgħir ta' skorrettezzi*", iżda rrifera għall-opinjoni tal-Ispeaker tal-11 ta' Jannar 2021. Dr Muscat osserva li kien sar ċittadin privat mingħajr privileġġi parlamentari, u esprima t-tħassib li jekk iwieġeb għat-talba tiegħi, seta' jiġi interpretat li qed imur kontra l-opinjoni tal-Ispeaker. Dr Muscat ikkonkluda l-ittra tiegħu billi qal:

*Għalhekk, waqt li nerġa' intenni li m'għandix oġġezzjoni li inwieġeb għad-domandi tiegħek dwar dan il-każ, ikun tajjeb jekk l-ewwel u qabel kollox wieħed jippreċiża kif legalment, fil-fehma tal-uffiċċju tiegħek persuna li kienet f'kariga li taqa' taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-Kapitolu 570 tal-Liġijiet ta' Malta) tibqa' sindakabbli ai termini tal-Att fir-rigward tal-aġir tagħha meta kienet fil-kariga in kwistjoni anki jekk sussegwentement ma tibqax f'din il-kariga.*

*Nemmen li dan hu neċessarju għaliex filwaqt li jien nista' faċilment inwieġeb għall-iskorrettezzi tar-rapport, mhux feliċi li jkun hemm kontradizzjoni bejn ruling tas-sedja u interpretazzjoni ta' Uffiċjal tal-Parlament presedut mill-istess sedja, u li jien niġi mpoġġi f'nofs din is-sitwazzjoni. Bl-istess mod ma nixtieqx li tweġiba tiegħi mingħajr kjarifika tpoġġi preċedent li mbagħad jinstab li ma kienx adegwat proċeduralment.*

16. Osservajt li fir-ritratti fuq Twitter li l-Ilmentatur irrefera għalihom, kienet tidher fost oħrajn is-Sinjura Diane Izzo. Għaldaqstant ħarriktha biex tixhed permezz ta' ittra datata 20 ta' Settembru 2021.

17. Is-Sinjura Izzo xehdet fl-4 ta' Ottubru 2021 (sommarju tax-xhieda tagħha anness bħala d-Dokument D). Tlabtha tagħti dettalji dwar il-btala li hija s-suġġett tal-ilment.

18. Is-Sinjura Izzo qalet li hi kienet organizzat din il-btala għall-okkażjoni tal-birthday tagħha. Hi xtaqet tagħmel party għall-birthday tagħha għal tletin ruħ li kienu jinkludu lil Dr Joseph Muscat u l-familja tiegħu. Hi stednitu għax kienu ilhom ħbieb xi ħmistax-il sena. Uħud mill-mistednin, inkluż Dr Muscat, qagħdu magħha fil-kastell ta' Collalto Sabino iżda billi l-kastell kien joffri

akkomodazzjoni limitata, il-bqija tal-mistednin sabu akkomodazzjoni f'Ruma. Il-party sar fid-9 ta' Awwissu 2020 iżda dawk il-mistednin li qagħdu fil-kastell, inkluż Dr Muscat, baqgħu hemm jumejn oħra.

19. Is-Sinjura Izzo qalet li ħadd mill-mistednin ma ħallas għall-party jew għall-akkomodazzjoni fil-kastell. Kulħadd ħallas għat-titjira tiegħu u dawk il-mistednin li ma qagħdux fil-kastell, qagħdu f'Ruma u ħallsu għall-akkomodazzjoni tagħhom.

20. Is-Sinjura Izzo għamlet l-arranġamenti għall-party hi flimkien ma' Paolo Catalfamo, is-sid tal-kastell, li kienet saret tafu permezz tan-negozju. Hija nnegozjat arranġament miegħu fejn ħallsitu tal-catering filwaqt li hu pprovda l-kastell b'xejn. Ġaladarba l-arranġamenti saru, hija ħarġet l-inviti għall-persuni li xtaqet tistieden.

21. Staqsejt lis-Sinjura Izzo jekk l-offerta tal-kastell b'xejn kellhiex x'taqsam mal-fatt li Dr Muscat kien fost il-mistednin, iżda wieġbet fin-negattiv. Qalet li l-party kien se jsir xorta, u kien biss wara li saru l-arranġamenti għall-party li ħarġet l-inviti lill-mistednin.

22. Is-Sinjura Izzo ppreżentatli kopji tal-istedina li nħarġet lill-mistednin għall-party, l-invoice għall-catering, u rekord bankarju tal-pagament li hi ħallset bħala depożitu mal-konferma tal-kwotazzjoni għall-catering. Ma jidhirlix li hemm għalfejn nippubblika dawn id-dokumenti.

23. Permezz tax-xhieda tas-Sinjura Izzo jiena ottjenejt l-informazzjoni kollha li kelli bżonn biex nikkonkludi l-investigazzjoni tiegħi. Għaldaqstant, fil-11 ta' Ottubru 2021 ktibt lil Dr Joseph Muscat biex nipprovdilu aċċess għall-provi li jiena ġbart u nagħtih l-opportunità jagħmel sottomissjonijiet finali fid-dawl tal-provi, kif jitlob l-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

24. Dr Muscat kitibli lura fit-12 ta' Ottubru 2021 (Dokument E). Huwa tenna l-punti li kien qajjem fl-ittra preċedenti tiegħu u żied jgħid fost affarijiet oħra li:

> *Ma jirriżultalix li l-inviti ta' din il-mawra kienu b'xi mod jew ieħor konnessi ma' persuni li seta' kellhom interess dirett jew indirett f'leġiżlazzjoni li kienet qed tiġi diskussa quddiem il-Kamra tad-Deputati. Aktar minn hekk jien ma ħadt sehem fl-ebda dibattitu Parlamentari dwar leġiżlazzjoni kemm domt Membru Parlamentari wara li ma bqajtx parti mill-Eżekuttiv, jiġifieri fil-perjodu li ġie investigat.*

*Nissottometti bir-rispett li jien u familti konna mistiedna għal avveniment ta' terzi li sar fl-imsemmi post mikri minnhom, u qgħadna għal xi jiem bħala mistiedna tagħhom.*

*Dawn it-terzi ma jikkwalifikawx għal Artikolu 5(2), paragrafi (b) u (d) tal-Kodiċi tal-Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.*

**Konsiderazzjonijiet**

*L-ammessibilità tal-ilment fid-dawl tal-opinjoni tal-Ispeaker*

25. Fl-ittra tiegħu tal-4 ta' Frar 2021 (Dokument Ċ), Dr Muscat jistaqsi kif "*persuna li kienet f'kariga li taqa' taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika* [...] *tibqa' sindakabbli ai termini tal-Att fir-rigward tal-aġir tagħha meta kienet fil-kariga in kwistjoni anki jekk sussegwentement ma tibqax f'din il-kariga*."

26. Fil-fehma tiegħi jista' jkun li l-Kummissarju m'għandux is-setgħa jinvestiga aġir jekk f'dak il-mument il-persuna li se tiġi investigata ma tkunx soġġetta għall-Att. Jiġifieri jista' jkun li ma kontx inkun nista' ninvestiga aġir ta Dr Muscat li kieku fil-mument li rċevejt l-ilment u bdejt l-investigazzjoni huwa kien irriżenja minn deputat parlamentari.

27. Is-sitwazzjoni tkun differenti jekk tkun inbdiet investigazzjoni dwar persuna li sussegwentement ma tibqax deputat. Diġà rriproduċejt f'dan ir-rapport il-parir legali li ħadt u li jindirizza dan il-punt direttament.

28. L-opinjoni tal-Ispeaker tal-11 ta' Jannar 2021 mhix konfliġġenti ma' dan il-parir għaliex tittratta "*dwar l-applikabilità tal-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika fil-konfront ta' persuni li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni tal-liġi kif stipulat fl-Artikolu 3 tal-istess Att.*" L-artikolu 28 tal-Att jelenka s-sanzjonijiet li jistgħu jiġu imposti mill-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika f'każ fejn il-Kumitat jikkonkludi li kien hemm ksur ta' etika jew ta' xi dmir statutorju. L-opinjoni tal-Ispeaker la tindirizza s-setgħat ta' investigazzjoni tiegħi taħt l-artikoli 13 u 19 tal-istess Att, u lanqas is-setgħa tal-Kumitat taħt l-artikolu 27 li jikkunsidra rapporti mressqa minni.

29. Tant hu hekk li fil-każ li wassal għall-opinjoni tal-Ispeaker, il-Kumitat ikkunsidra r-rapport tiegħi u adottah, jiġifieri qabel mal-konklużjoni tiegħi li

f'dak il-każ kien hemm ksur ta' etika.[6] Il-Kumitat naqas biss milli japplika sanzjonijiet taħt l-artikolu 28. Li kieku l-opinjoni tal-Ispeaker kellha tiġi interpretata fis-sens li jiena ma nistax inkompli ninvestiga persuna li ma tibqax taqa' taħt l-Att, daqstant ieħor kien ifisser li l-Kumitat ma jistax jikkunsidra rapport imressaq minni dwar persuna li m'għadhiex taqa' taħt l-Att, u fil-każ in kwistjoni l-Kumitat ma kienx ikun jista' jadotta r-rapport tiegħi.

30. Għalhekk dik l-opinjoni tal-Ispeaker għandha rilevanza għas-setgħat tal-Kumitat li jimponi sanzjoni u mhux għas-setgħa tal-Kummissarju li jkompli jinvestiga persuna li kienet soġġetta għall-Att fil-mument tal-allegat nuqqas u l-bidu tal-investigazzjoni, u li ma baqgħetx fil-kariga fiż-żmien tal-konklużjoni tal-investigazzjoni. L-aspett tas-sanzjoni jikkonċerna s-setgħat tal-Kumitat u mhux tal-Kummissarju. Li kieku l-liġi riedet li investigazzjoni tal-Kummissarju għandha titwaqqaf kemm-il darba persuna tirtira mill-kariga tagħha, allura dina ċ-ċirkostanza kienet tiġi inkluża speċifikament, kif ġew speċifikati ċirkostanzi oħra fejn investigazzjoni għandha tiġi sospiża jew fejn il-Kummissarju ma jistax jinvestiga.

*Il-merti sostantivi tal-ilment*

31. L-Ilmentatur jallega li meta kien għadu deputat parlamentari, Dr Joseph Muscat ibbenefika minn btala mħallsa minn Pietro Catalfamo, sid ta' kumpanija li huwa kellu relazzjoni uffiċjali magħha meta kien Prim Ministru.

32. Jirriżulta mill-investigazzjoni tiegħi li din l-allegazzjoni hija infondata. Il-btala ta' Dr Muscat tħallset minn Diane Izzo, persuna ta' nazzjonalità Maltija illum magħrufa sew fid-dinja tal-kummerċ, li għandha relazzjoni ta' ħbiberija ma' Dr Muscat u l-familja tiegħu li tmur lura s-snin.

33. Xorta tqum id-domanda dwar jekk il-btala kellhiex tiġi rifjutata minn Dr Muscat skont l-artikolu 5(2)(b) tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, jew reġistrata għall-finijiet tal-artikolu 5(2)(d) tal-istess Kodiċi.

34. Biex jiskattaw dawn id-dispożizzjonijiet, il-persuna li tagħti rigal jew tħallas btala lil deputat parlamentari għandu jkollha interess f'xi liġi li dik il-ħabta tkun quddiem il-Parlament. Fil-każ preżenti l-btala seħħet f'Awwissu tal-2020. Biex wieħed jara x'liġijiet kienu quddiem il-Parlament dak iż-żmien,

6 Ara l-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat dwar l-Istandards tal-5 ta' Jannar 2021, aċċessibbli minn https://www.parlament.mt/media/111648/20210105_014m_sta.docx.

wieħed jista' jara l-aġenda tas-seduta parlamentari tad-29 ta' Lulju 2020, li hija l-aħħar ġurnata li ltaqa' l-Parlament qabel xolja għas-sajf ta' dik is-sena.[7] Hija l-prattika li fl-aġenda ta' kull seduta plenarja tal-Parlament jiġu elenkati l-liġijiet kollha li jkunu fi kwalunkwe stadju ta' konsiderazzjoni quddiem il-Parlament, mhux biss dawk li attwalment se jiġu diskussi dakinhar. Ebda liġi fil-lista ma tidher li kienet taffettwa l-interessi personali jew kummerċjali tas-Sinjura Diane Izzo. Dan jikkonferma d-dikjarazzjonijiet tas-Sinjura Izzo (Dokument D) u ta' Dr Muscat (Dokument E) f'dan is-sens.

**Konklużjonijiet**

35. Bħala deputat parlamentari, Dr Muscat la kien obbligat jirrifjuta l-btala ta' Awwissu 2020 fil-kastell ta' Collalto Sabino, u lanqas li jirreġistraha (skont ir-regoli eżistenti) għall-finijiet tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

36. Dan il-każ ma jqajjimx kwistjonijiet dwar id-dikjarazzjonijiet tal-assi magħmula minn Dr Muscat bħala deputat parlamentari jew bħala Prim Ministru, kif allega l-Ilmentatur, billi l-btala ma kenitx imħallsa minn Dr Muscat.

37. Għal dawn ir-raġunijiet jirriżultali li ma kien hemm ebda ksur ta' etika f'dan il-każ, u l-ilment ma jistax jintlaqa'.

38. Punt li joħroġ minn dan il-każ, għalkemm mhux marbut miegħu, huwa li l-artikoli 5(2)(b) u 5(2)(d) tal-Kodiċi huma fl-opinjoni tiegħi limitati wisq fl-applikabbiltà tagħhom. Dawn id-dispożizzjonijiet jiskattaw biss jekk deputat jingħata benefiċċju minn persuna jew entità b'interess f'liġi li tkun quddiem il-Parlament propju meta jingħata l-benefiċċju. Dawn l-artikoli ma jiskattawx jekk deputat jingħata benefiċċju bħala apprezzament in konnessjoni ma' kif ivvota jew tkellem dwar liġi li tkun diġà għaddiet mill-Parlament, jew biex titwitta t-triq għal xi liġi li tkun għadha ma tressqitx quddiem il-Parlament.

39. Barra minn dan, l-artikoli 5(2)(b) u (d) tal-Kodiċi japplikaw biss għal-liġijiet. Ma jiskattawx jekk persuna jew entità barra l-Parlament tipprova tinfluwenza deputat in konnessjoni ma' xogħol parlamentari ieħor, per eżempju biex jivvota favur riżoluzzjoni dwar it-trasferiment ta' art pubblika lil

---

7 L-aġenda hija aċċessibbli minn https://www.parlament.mt/en/13th-leg/plenary-session/ps-366-29072020-0200-pm/?page=7&numItems=.

xi entità privata, jew biex jagħmel mistoqsijiet parlamentari dwar xi suġġett partikolari.

40. F'Lulju tal-2020 jiena ppubblikajt rapport fejn irrakkomandajt li għandhom jiġu introdotti kodiċijiet ta' etika ġodda għad-deputati parlamentari u għall-ministri, flimkien ma' linji gwida. Il-linji gwida li rrakkomandajt għad-deputati jipprojbixxuhom milli jaċċettaw rigali, benefiċċji jew ospitalità jekk dawn iqegħduhom taħt obbligu fil-qadi ta' dmirijiethom jew jistgħu raġonevolment jitqiesu li jkollhom dan l-effett. Din hija projbizzjoni ferm aktar wiesgħa minn dik tal-kodiċi preżenti. Barra minn hekk, deputat ikun obbligat jiddikjara kull rigal, benefiċċju jew ospitalità mogħti lilu jekk ikun ġie mogħti minħabba l-attivitajiet parlamentari u politiċi tad-deputat u jaqbeż il-valur ta' €250.[8] Għad li f'dan il-każ ma sibt ebda ksur ta' etika, xorta juri kemm huwa importanti għall-finijiet ta' trasparenza li l-kodiċi ta' etika tad-deputati parlamentari jiġi rivedut fuq dawn il-linji.

41. Dan ir-rapport qed jintbagħat lill-Ilmentatur, lil Dr Joseph Muscat, u lill-Kumitat tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopja se titqiegħed ukoll fuq il-website tal-uffiċċju tiegħi.[9]

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

---

[8] Ara https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/report-revised-codes-of-ethics.pdf, paġni 22 u 23.

[9] Ara https://standardscommissioner.com/case-reports/?lang=mt.

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email mingħand il-Prof Arnold Cassola datata 23 ta' Awwissu 2020. |
| Dokument B | Ittra lil Dr Joseph Muscat datata 25 ta' Jannar 2021. |
| Dokument Ċ | Risposta ta' Dr Joseph Muscat datata 4 ta' Frar 2021. |
| Dokument D | Sommarju tax-xhieda mogħtija mis-Sinjura Diane Izzo fl-4 ta' Ottubru 2021. |
| Dokument E | Ittra mingħand Dr Joseph Muscat datata 12 ta' Ottubru 2021. |

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

| | |
|---|---|
| **From:** | Arnold Cassola <[redacted]> |
| **Sent:** | Sunday, 23 August 2020 17:40 |
| **To:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Subject:** | minghand arnold cassola |

Ghaziz Sur Polidano,

Qed nibghatlek is-segwenti ghall-Kummissarju Hyzler:

Il-businessman Taljan Paolo Caltafamo ghandu bosta kumpanniji bbazati Malta, bl-isem ta' Global Capital.
F' Lulju 2018, il-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, Joseph Muscat, fetah il-kumpannija ta' Calatafamo, *Palladium*, deskritta bhala "the first Malta based Blockchain company". Ara hawn:

https://timesofmalta.com/articles/view/worlds-first-regulated-icco-launched-in-malta.684057

L-artiklu segwenti tal-Espresso, tal-2018, isostni li l-Hotel lussuz "Castello in Colle Sabino" huwa proprjeta' ta' ditta ta' Caltafamo, Global Capital:

https://espresso.repubblica.it/inchieste/2018/04/19/news/leghisti-offshore-e-i-soldi-per-la-beneficenza-volano-a-malta-1.320733

Ahbar u ritratti recenti fuq twitter, isostnu li membri tal-familja tad-Deputat Joseph Muscat kienu qeghdin holiday fil-Kastell ta' Colle Sabino dan is-sajf ta' 2020. Ara hawn:

https://mobile.twitter.com/bugdavem/status/1293284636676718593

Skont is-sit booking.com, btala ta' tlitt iljieli f'Awwissu 2020, ghal zewg adulti u zewgt itfal, fil-Kastell ta' Colle Sabino tqum 9,818 Ewro.
Din hija madwar 13-14% tal-assi totali ddikjarati mill-membru parlamentari Joseph Muscat fid-dikjarazzjoni tieghu lill-Parlament Malti.
Naturalment, ma nafx jekk l-On Muscat hallasx minn butu ghal din il-btala (li ma nafx it-tul taghha) jew jekk giex offrut din il-btala bhala rigal.
Hu x'inhu, huwa fatt li Caltafamo, permezz tad-ditti tieghu, ghandu relazzjoni mal-Awtoritajiet Maltin, mhux biss ghax Muscat mar fetahlu l-Palladium, izda anki ghax il-business ta' Caltafamo huwa kkwotat fil-Borza ta' Malta.
Qieghed niktiblek ghaliex nahseb li mhuwiex etiku li membru parlamentari Malti (u l-familja tieghu) imur jonfoq mill-anqas 10,000 euro (qed nibbaza fuq minimu ta' 3 ijiem; jistghu jkunu aktar) fil-hotel barranija ta' kumpannija kkwotata fil-Borza Maltija.
Ikun naturalment hafna aghar jekk il-permanenza f'dan il-kastell kienet rigal lill-On. Muscat.
Hu x'inhu, konvint li l-azzjonisti tal-kumpannija ta' Caltafamo, bhala azzjonisti ta' Public Limited Company ikkwotata fil-Borza ta' Malta, jkunu jridu jafu kif qed jintefqu l-flus taghhom
Nimmagina li r-ricevuti VAT jkunu jistghu isolvu jekk il-permanenza fil-kastell kenitx bi hlas.
Jekk fl-affermattiv, jidhol id-dubju serju ta' kif politiku li ghandu paga ddikjarata ta' 25,000 ewro fis-sena u kapital totali ddikjarat fil-banek ta' 68,000 ewro jista' jaffordja dan it-tip ta' hlasijiet ghal vaganza.

Nirringrazzjak, u nselli ghalik.

Arnold Cassola

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

25 ta' Jannar 2021

Dr Joseph Muscat

Bl-email fuq l-indirizz:
[redacted]

Dr Muscat,

**Każ K/031: Allegazzjoni dwar aċċettazzjoni ta' ospitalità mingħand imprenditur li għandu relazzjonijiet mal-awtoritajiet Maltin**

Jiena irċevejt ilment fit-23 ta' Awwissu 2020 mingħand il-Profs Arnold Cassola rigward btala li ħadt fis-sajf tal-2020, flimkien mal-familja tiegħek u persuni oħra, fil-Castello Baronale di Collalto Sabino fl-Italja meta kont għadek Deputat tal-Kamra tar-Rappreżentanti.

Qed nirriproduċi l-ilment hawn taħt:

*Ghaziz Sur Polidano,*

*Qed nibghatlek is-segwenti ghall-Kummissarju Hyzler:*

*Il-businessman Taljan Paolo Caltafamo ghandu bosta kumpanniji bbazati Malta, bl-isem ta' Global Capital.*

*F' Lulju 2018, il-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, Joseph Muscat, fetah il-kumpannija ta' Calatafamo, Palladium, deskritta bhala "the first Malta based Blockchain company". Ara hawn:*

*https://timesofmalta.com/articles/view/worlds-first-regulated-icco-launched-in-malta.684057*

*L-artiklu segwenti tal-Espresso, tal-2018, isostni li l-Hotel lussuz "Castello in Colle Sabino" huwa proprjeta' ta' ditta ta' Caltafamo, Global Capital:*

*https://espresso.repubblica.it/inchieste/2018/04/19/news/leghisti-offshore-e-i-soldi-per-la-beneficenza-volano-a-malta-1.320733*

*Ahbar u ritratti recenti fuq twitter, isostnu li membri tal-familja tad-Deputat Joseph Muscat kienu qeghdin holiday fil-Kastell ta' Colle Sabino dan is-sajf ta' 2020. Ara hawn:*

*https://mobile.twitter.com/bugdavem/status/1293284636676718593*

*Skont is-sit booking.com, btala ta' tlitt iljieli f'Awwissu 2020, ghal zewg adulti u zewgt itfal, fil-Kastell ta' Colle Sabino tqum 9,818 Ewro.*

*Din hija madwar 13-14% tal-assi totali ddikjarati mill-membru parlamentari Joseph Muscat fid-dikjarazzjoni tieghu lill-Parlament Malti.*

*Naturalment, ma nafx jekk l-On Muscat hallasx minn butu ghal din il-btala (li ma nafx it-tul taghha) jew jekk giex offrut din il-btala bhala rigal.*

*Hu x'inhu, huwa fatt li Caltafamo, permezz tad-ditti tieghu, ghandu relazzjoni mal-Awtoritajiet Maltin, mhux biss ghax Muscat mar fetahlu l-Palladium, izda anki ghax il-business ta' Caltafamo huwa kkwotat fil-Borza ta' Malta.*

*Qieghed niktiblek ghaliex nahseb li mhuwiex etiku li membru parlamentari Malti (u l-familja tieghu) imur jonfoq mill-anqas 10,000 euro (qed nibbaza fuq minimu ta' 3 ijiem; jistghu jkunu aktar) fil-hotel barranija ta' kumpannija kkwotata fil-Borza Maltija.*

*Ikun naturalment hafna aghar jekk il-permanenza f'dan il-kastell kienet rigal lill-On. Muscat.*

*Hu x'inhu, konvint li l-azzjonisti tal-kumpannija ta' Caltafamo, bhala azzjonisti ta' Public Limited Company ikkwotata fil-Borza ta' Malta, jkunu jridu jafu kif qed jintefqu l-flus taghhom*

*Nimmagina li r-ricevuti VAT jkunu jistghu isolvu jekk il-permanenza fil-kastell kenitx bi hlas.*

*Jekk fl-affermattiv, jidhol id-dubju serju ta' kif politiku li ghandu paga ddikjarata ta' 25,000 ewro fis-sena u kapital totali ddikjarat fil-banek ta' 68,000 ewro jista' jaffordja dan it-tip ta' hlasijiet ghal vaganza.*

*Nirringrazzjak, u nselli ghalik.*

*Arnold Cassola*

Fil-fehma tiegħi, persuna li kienet f'kariga li taqa' taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta) tibqa' sindakabbli ai termini tal-Att fir-rigward tal-aġir tagħha meta kienet fil-kariga in kwistjoni, anki jekk

sussegwentement ma tibqax f'dik il-kariga. Għaldaqstant għandi ninvestiga l-ilment in kwistjoni.

Jien qed nikkunsidra dan l-ilment fil-kuntest tal-kodiċi tal-etika tal-membri tal-Kamra tad-Deputati li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att. Id-dispożizzjonijiet li jidhru li huma relevanti huma paragrafi (b) u (d) tal-artikolu 5(2), li jgħidu li membru tal-Kamra tad-Deputati:

> *(b) ma għandux jaċċetta rigali mingħand persuni, gruppi jew kumpaniji li kellhom xi interess dirett jew indirett f'leġiżlazzjoni li tkun quddiem il-Kamra tad-Deputati;*
>
> *(d) li jkun għamel żjara barra minn Malta, li tkun ġiet imħallsa kollha kemm hi jew f'parti minnha minn xi persuna, grupp jew kumpanija li jkollha interess dirett f'leġiżlazzjoni li tkun quddiem il-Kamra, għandu jiddikjara dak il-fatt f'reġistru miżmum mill-iSpeaker għal dak l-għan u li jkun miftuħ għall-ispezzjoni tal-pubbliku.*

Inti ġentilment mitlub tagħti r-reazzjonijiet tiegħek b'mod ġenerali dwar l-allegazzjonijiet in kwistjoni, u b'mod partikolari billi twieġeb għas-segwenti punti:

1. Nitolbok tgħid kemm swiet il-btala tiegħek u tal-familja tiegħek fil-Castello di Collalto Sabino fis-sajf li għadda, inkluż vjaġġi bl-ajru (jew mezzi oħra) u akkommodazzjoni.

2. Nitolbok tispeċifika min ħallas l-ispejjeż in kwistjoni.

3. Jekk huwa l-każ illi dina l-btala ġiet imħallsa minn terzi, nitolbok tindika jekk saritx xi dikjarazzjoni għall-finijiet tal-artikolu 5(2)(d) tal-Kodiċi tal-Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

Napprezza risposta sa nhar it-**Tnejn 8 ta' Frar 2021.**

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT Ċ

**Dr. Joseph Muscat** Ph.D. KUOM. KCMG [redacted]

4 ta' Frar 2021

Dr George Hyzler
Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl
Valletta VLT 1210

Għażiż Dr Hyzler,

Nikteb b'risposta għall-ittra tiegħek tal-25 ta' Jannar 2021 li permezz tagħha ġejt informat li, u nikkwota:

"Fil-fehma tiegħi, persuna li kienet f'kariga li taqa taħt l-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika (il-Kapitolu 570 tal-Liġijiet ta' Malta) tibqa sindakabbli ai termini tal-Att fir-rigward tal-aġir tagħha meta kienet fil-kariga in kwistjoni anke jekk sussegwentament ma tibqax f'din il-kariga. Għaldaqstant għandi ninvestga l-ilment in kwistjoni."

Waqt li nagħmilha ċara li jien mhux qed insib l-anqas l-iċken oġġezzjoni li inwieġeb kwalsijasi domanda b'rabta ma' dan l-eżerċizzju fuq ilment li fih numru mhux żgħir ta' skorrettezzi, ippermettili nirrileva is-segwenti:

L-iskop li għalih twaqqaf dan l-Att huwa definit bi preċiżjoni taħt Artikolu 3 tal-Att. Jien illum il-ġurnata ċittadin privat, mingħajr il-privileġġi Parlamentari, u l-ebda waħda mill-kategoriji imsemmija fl-istess artikolu hawn suriferit ma tapplika għalija f'dan ir-rigward;

Dan imbagħad huwa imsaħħaħ fil-funzjonijiet li għandu jkollu l-Kummissarju, li riferenza għalihom tinsab f'Artikolu 13 tal-istess Liġi fejn dan għandu jkollu l-poter li jinvestiga (b'inizjattiva tiegħu jew fuq allegazzjoni bil-miktub ta' xi persuna) xi kwistjoni allegata li tikser kull dmir statutorju jew etiku ta' kull persuna li għaliha jkun japplika dan l-Att (to whom this Act applies[1]);

In oltre, ir-Ruling mogħti mill-President tal-Kamra, Onor Dr Anġlu Farrugia fis-Seduta 413 tal-11 ta' Jannar 2021 dwar l-applikabilità ta' sanzjonijiet fil-konfront ta' persuni li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni tal-liġi kif stipulat fl-Artikolu 3 tal-istess Att jgħid hekk:

"Jiġifieri joħroġ ċar li fil-liġi Maltija m'hawn l-ebda referenza jew provvediment li jista' jinftiehem li t-terminu Membri tal-Kamra jinkludi wkoll eks Membri tal-Parlament … Ovvjament f'dan il-punt is-Sedja ma tħossx li għandha tidħol ladarba s-Sedja diġà għamlet il-punt ċar li l-artiklu 28 f'dan il-każ mhuwiex applikabbli għal eks Membru

Parlamentari ladarba m'hemmx il-konfort tal-vires li joħroġ mill-istess Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika."

Ghalhekk, dan iwassalni f'sitwazzjoni fejn jekk naqbad u nwieġeb għat-talba tiegħek, nista` nkun b'xi mod qed nigi interpretat li qed inmur kontra r-ruling tal-Ispeaker.

Il-liġi għandha tiġi applikata u interpretata fil-parametri tat-termini tagħha u fid-dawl tal-massima legali quod lex voluit lex dixit. Barra minn hekk u kif wara kollox huwa r-ruling tal-iSpeaker (kif irreferejt għalih qabel) l-legislatur permezz tal-Kap 570 tal-Liġijiet ta' Malta kien ċar dwar l-intenzjoni tiegħu fuq l-applikablita' o meno tal-istess Att.

Għalhekk, waqt li nerġa intenni li m'għandix oġġezzjoni li inwieġeb għad-domandi tiegħek dwar dan il-każ, ikun tajjeb jekk l-ewwel u qabel kollox wieħed jippreċiża kif legalment, fil-fehma tal-uffiċċju tiegħek persuna li kienet f'kariga li taqa taħt l-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika (il-Kapitolu 570 tal-Liġijiet ta' Malta) tibqa sindakabbli ai termini tal-Att fir-rigward tal-aġir tagħha meta kienet fil-kariga in kwistjoni anki jekk sussegwentament ma tibqax f'din il-kariga.

Nemmen li dan huwa neċessarju għaliex filwaqt li jien nista faċilment inwieġeb għall-iskorrettezzi tar-rapport, mhux feliċi li jkun hemm kontradizzjoni bejn ruling tas-sedja u interpretazzjoni ta' Uffiċjal tal-Parlament presedut mill-istess sedja, u li jien niġi mpoġġi f'nofs din is-sitwazzjoni. Bl-istess mod ma nixtieqx li tweġiba tiegħi mingħajr kjarifika tpoġġi preċedent li mbagħad jinstab li ma kienx adegwat proċeduralment.

Kopja ta' din it-tweġiba qiegħed ngħaddiha lill-uffiċċju tal-istess Speaker peress li tikkonċerna lil dan l-uffiċċju direttament.

Tislijiet.

Dr Joseph Muscat

[1] Art. 13 (b) of Chapter 570, Laws of Malta

cc Onor Anġlu Farrugia, President tal-Kamra tar-Rappreżentanti

# Sommarju tax-xhieda tas-Sinjura Diane Izzo

Każ: K/031

Data: 4 ta’ Ottubru 2021

Preżenti: Dr George Hyzler, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju

Is-Sinjura Diane Izzo
Dr Marlon Borg, avukat tas-Sinjura Izzo

---

Is-Sinjura Izzo ħalfet bil-ġurament li tgħid is-sewwa.

Il-Kummissarju talab dettalji dwar btala li saret f’Awwissu 2020 fil-kastell ta’ Collalto Sabino fl-Italja.

Is-Sinjura Izzo qalet li hi kienet organizzat din il-btala għall-okkażjoni tal-birthday tagħha. Hi xtaqet tagħmel party għall-birthday tagħha għal tletin ruħ li kienu jinkludu lil Dr Joseph Muscat u l-familja tiegħu. Hi stednitu għax kienu ilhom ħbieb xi ħmistax-il sena. Organizzat il-party flimkien ma’ Paolo Catalfamo, li huwa s-sid tal-kastell.

Is-Sinjura Izzo qalet li kienet saret taf lis-Sur Catalfamo permezz tan-negozju. Hu offrielha l-użu tal-kastell għall-party u għenha fl-arranġamenti għall-catering. Ġaladarba l-arranġamenti saru, hija ħarġet l-inviti għall-persuni li xtaqet tistieden.

Il-party sar fid-9 ta’ Awwissu 2020 iżda dawk il-mistednin li qagħdu fil-kastell, inkluż Dr Muscat, baqgħu hemm jumejn oħra.

Mistoqsija x’kontribut ta s-Sur Catalfamo, is-Sinjura Izzo qalet: “*Le, meta nnegozjajna aħna, jien innegozjajt miegħu, l-ewwel nett dawk iż-żminijiet ma kontx għadni daqshekk, nafu daqshekk ’il Paolo Catalfamo, jiġifieri jiena meta għedtlu isma’, hu qalli, jiena, jien nieħu ħsieb il-catering, jiena nieħu ħsieb id-drinks u kollox, u int, aħna ntuk il-post b’xejn. Da qisek meta tmur tagħmel tieġ, ovvjament da jtuk il-kmamar b’xejn, jiġifieri l-istess ħaġa nnegozjajna, innegozjajtha jiena*.”[1] Is-Sur Catalfamo għalhekk ħa ħsieb il-catering (li tħallas minnha), u pprovda l-post b’xejn.

Is-Sinjura Izzo wieġbet fin-negattiv meta ġiet mistoqsija jekk l-offerta tal-kastell b’xejn kellhiex x’taqsam mal-fatt li Dr Muscat kien fost il-mistednin. Kompliet billi qalet: “*L-ewwel nett xorta*

---

[1] Reġistrazzjoni tax-xhieda, 5:06.

*kien se jsir il-party. It-tieni ħaġa, jien, ngħid il-verità, qbadt, invitajt lil Dr Muscat wara li kelli kollox ikkonfermat, jiġiferi, u anki lin-nies oħra involuti, mhux lil Dr Muscat biss*."[2]

Is-Sinjura Izzo qalet li ħadd mill-mistednin ma ħallas għall-party jew għall-akkomodazzjoni fil-kastell. Kulħadd ħallas it-titjira tiegħu u dawk il-mistednin li qagħdu f'Ruma u mhux fil-kastell ħallsu għall-akkomodazzjoni tagħhom.

Dr Borg qal li kien faċilment verifikabbli li s-Sinjura Izzo jew kwalsijasi kumpanija li kellha interess fiha, żgħir kemm kien żgħir, ma kellha l-ebda interess dirett jew indirett f'xi leġislazzjoni quddiem il-Parlament fiż-żmien meta Dr Muscat kien membru parlamentari. Barra minn hekk, hu personalment ivverifika li Dr Muscat ma kien involva ruħu f'ebda diskussjoni dwar xi liġi li kienet quddiem il-Parlament f'dak iż-żmien.

Is-Sinjura Izzo ippreżentat lill-Kummissarju kopji tal-istedina li nħarġet lill-mistednin għall-party, l-invoice għall-catering, u rekord tal-pagament li hi ħallset mill-kont bankarju tagħha bħala depożitu mal-konferma tal-kwotazzjoni għall-catering.

Sommarju magħmul minn: Charles Polidano

Data tal-aħħar reviżjoni: 11 ta' Ottubru 2021

---

[2] Reġistrazzjoni tax-xhieda, 5:40.

DOKUMENT E

**Dr. Joseph Muscat** Ph.D. KUOM. KCMG

[redacted]

12 ta' Ottubru 2021

Dr George Hyzler
Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl
Valletta VLT 1210

Għażiż Dr Hyzler,

Fil-waqt li ntenni l-punti mqajjma fl-ittra tiegħi tal-4 ta' Frar 2021, b'mod partikolari fir-rigward tar-ruling tal-President tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-11 ta' Jannar 2021, la darba mxejt bl-investigazzjoni tiegħek, ikolli nagħmel dawn il-punti li ġejjin.

Qabel xejn ġentilment ngħidlek li l-ilment fih numru mhux żgħir ta' skorrettezzi mingħand persuna li qed tfittex li tuża b'mod kontinwu r-riżorsi tal-uffiċċju tiegħek għal dak li huwa ċar li huma l-fini ta' promozzjonijiet politiċi personali.

Qed nifhem li l-investigazzjoni saret fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet taħt il-paragrafi (b) u (d) tal-artikoli 5 (2) tal-Kodiċi tal-Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

Ma jirriżultalix li l-inviti ta' din il-mawra kienu b'xi mod jew ieħor konnessi ma' persuni li seta' kellhom interess dirett jew indirett f'leġiżlazzjoni li kienet qed tiġi diskussa quddiem il-Kamra tad-Deputati. Aktar minn hekk jien ma ħadt sehem fl-ebda dibattitu Parlamentari dwar leġiżlazzjoni kemm domt Membru Parlamentari wara li ma bqajtx parti mill-Eżekuttiv, jiġifieri fil-perjodu li ġie investigat.

Nissottometti bir-rispett li jien u familti konna mistiedna għal avveniment ta' terzi li sar fl-imsemmi post mikri minnhom, u qagħdna għal xi jiem bħala mistiedna tagħhom.

Dawn it-terzi ma jikkwalifikawx għal Artikolu 5 (2), paragrafi (b) u (d) tal-Kodiċi tal-Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

Persważ li dawn id-dettalji jiċċaraw is-sitwazzjoni, jekk qatt kien hemm bżonn tiġi ċċarata.

Dejjem tiegħek,

Joseph Muscat